# Rewwixta

/rɛʊwɪʃtɐ/

Lgħajba dwar stejjer ta' ribelljoni
kontra setgħat kolonjali

Għar Gremxul



*U l-Kotra qamet f'daqqa – u għajtet: "Jien Maltija!*
*Miskin min ikasbarni, - miskin min jidħak bija!"*

Silta mill-poeżija *Jum ir-Rebħ*,
ta' Rużar Briffa

Miktub għall-ħakatona Unearthed Expansion.

Issettjar tat-tipi b'Charis SIL b'Affinity Publisher. Ikoni tal-midja soċjali minn FontAwesome.

Traskrizzjoni fonetika meħuda minn Ġabra.

Għar Gremxul

Diżinn ta' Għar Gremxul, Awwissu 2020.

@ghargremxul https://ghargremxul.itch.io/

# Rewwixta

/rɛʊwɪʃtɐ/

*Rewwixta* hija lgħajba fejn jintqalu stejjer ta' assedji, ribelljonijiet, u rewwixti kontra setgħat kolonjali. M'hemmx bżonn parteċipanti oħra biex tilgħab *Rewwixta*; tista' tintlagħab minn persuna waħda. Il-lgħajba hija bbażata fuq il-logħba tal-*brilli*, logħba li hija parti mill-folklor Malti.

Għalkemm *Rewwixta* hija ispirata minn bosta rewwixti li saru Malta, il-lgħajba hija espliċitament kontra l-idea li għandek timxi mal-istess ideat. Anzi, nħeġġuk tirrakkonta stejjer ta' rewwixta li verament jistgħu jissejħu tiegħek.

## Rwoli

Hemm tliet rwoli differenti f'*Rewwixta*: is-sultan, is-sekond, u l-qarmuċ.

### Is-Sultan

Ir-rwol tas-Sultan jirrappreżenta il-mexxej tal-pajjiż; ngħidu aħna xi forza kolonjali, ordni ta' kavallieri, membri tal-kleru, nobbli, akkademiċi, jew nies oħra li kapaċi għandhom xi forma ta' poter fil-pajjiż.



Min jirrappreżenta is-Sultan fil-lgħajba tiegħek? Kif irnexxielhom jiksbu il-poter? Kif jidhru, u x'jilbsu? Kif jittrattaw in-nies tal-post?

## Is-Sekond



Ir-rwol tas-Sekond jirrappreżenta nies li jservu ta' għajnuna biex is-Sultan jżomm il-poter. Sikwit jinstabu madwar is-Sultan, bħal ngħidu aħna suldati jew forzi militari, pulizja, jew konsulenti.

Min jirrappreżenta is-Sekond fil-lgħajba tiegħek? Għalfejn jgħinu is-Sultan, u kif saru s-Sekond?

## Il-Qarmuċ



Ir-rwol tal-Qarmuċ jirrappreżenta l-popolazzjoni lokali tal-pajjiż. Riedu jew le, spiċċaw parti minn din il-froġa, u fl-aħħar xebhu. Wasal iż-żmien li jqum il-poplu.

Kif spiċċaw f'din is-sitwazzjoni? Invadihom xi armata, jew inxtara u inbiegħ il-pajjiż? Telgħa xi tirann biex isaltan? Jew is-sultan li xi darba kien ħanin, issa sar kattiv u krudil?

## Qabel Ma Tibda

Għandek bżonn erba' dammi d4, erba' dammi d6, tliet dammi d12, u damma d20 biex tilgħab *Rewwixta*. Għandek bżonn ukoll il-grilja, li tista' ssibha fuq paġna 9.

- Lesti l-grilja u poġġiha fuq wiċċ sod u ċatt. Ara li għandek spazju biżżejjed biex tilgħab.

- Qiegħed id-damma d12 fil-kaxxa tan-nofs. Din tirrappreżenta **is-Sultan**. Qiegħed id-dammi d4 fl-erba' kaxxa tal-kantunieri. Dawn jirrappreżentaw **is-Sekond**. Fl-aħħar, qiegħed id-dammi d6 fil-kaxxi li fadal. Dawn jirrappreżentaw **il-Qarmuċ**.

- Għandek issib żewġ tifsiliet li tista' tuża bħala xenarji għal-logħba. Tiddejjaqx tipprova tipi differenti ta' dammi, ammonti differenti ta' dammi, jew valuri differenti tal-wiċċ għad-dammi.

| | | |
|---|---|---|
| 2 | 3 | 2 |
| 3 | 10 | 3 |
| 2 | 3 | 2 |

**It-Tirann**

| | | |
|---|---|---|
| 4 | 2 | 4 |
| 2 | 3 | 2 |
| 4 | 2 | 4 |

**In-Nassasa**

## Biex Tilgħab

*Rewwixta* tintlagħab billi twaddab damma d20 fid-dammi l-oħra li hemm fil-grilja. Din issir darbtejn tul il-logħba sħiħa. Jekk id-damma titwaddab bis-saħħa, id-dammi l-oħra fil-grilja jistgħu jintlaqtu, jinqalbu, u l-valur tal-wiċċ tagħhom jinbidel. B'hekk tista' tbiddel ir-riżultat tar-rewwixta.

- Waddab d6 biex tagħżel ix-xenarju tas-Sultan. Dan jiddetermina l-aħħar daqqa ta' ħarta li tikkonvinċi l-popolazzjoni biex tibda ir-rewwixta.

### Ix-Xenarju tas-Sultan

| | |
|---|---|
| 1 | Ġibuli ftit mill-ikel li qed jieklu n-nies t'hawn, u ma jimpurtanix x'tagħmlu biex iġġibuh |
| 2 | Ħuduni sal-eqreb palazz għax għandi bżonn nistrieħ. Armuh barra s-sid jekk hemm bżonn. |
| 3 | Aħtfu li għandhom dawn in-nies, għandna bżonn provvisti għall-vjaġġ li jmiss |
| 4 | Imisshom jistħu jwaqqgħuni għaċ-ċajt fil-festi tagħhom! |
| 5 | Smajt li l-knejjes għandhom ħafna teżori li jistgħu jagħmluni sinjur... |
| 6 | Neħtieġ ir-rispett! Ġibuli s-suldati u nurihom lil dawn in-nies min jikkmanda hawn! |

- Waddab 2d12 biex tagħżel x'jagħmel il-Qarmuċ f'dan ix-xenarju. Jekk ma jogħġbukx ir-riżultati, erġa' waddab id-dammi.

## L-Azzjonijiet tal-Qarmuċ

| | |
|---|---|
| **1** | Forsi jirnexxieli nbigħ xi ħaġa lil dawn li invadewna u ndawwar lira |
| **2** | Xbajna fuq li xbajna, u se nitfgħu lil xi ħadd mill-gallarija għal isfel |
| **3** | Smajna pjanijiet ta' konfoffa fil-ħanut, għandna bżonn nagħmlu xi ħaġa! |
| **4** | Ma tistax taqbad tbigħ artna qisek qed tbigħ il-ħobż! Aħna nies, u aħna hawn ngħixu! |
| **5** | Għala għandi nħallas iżjed taxxi biex inti tħallas għall-proġetti elaborati tiegħek? |
| **6** | Waqqaftli l-uniku sors ta' laħam biex int tkun tista' tkompli toħroġ għall-kaċċa |
| **7** | Jekk tridu kontroll tal-belt, insakkruk ġewwa! |
| **8** | Ma tistax taqbad u tidħol hawn u lilna l-klassi nobbli tagħmilna irrelevanti. |
| **9** | X'jiġifieri ma nistgħux nitkellmu bil-lingwa tagħna stess? |
| **10** | Għal kemm inbegħtna? Niġbru l-flus u nixtru l-ħelsien tagħna stess! |
| **11** | Xi ħadd fostna huwa spija! |
| **12** | Xi ħadd viċin is-Sultan qed iżomm magħna u jrid jgħinna |

- Waddab d20 **fid-dammi l-oħra** li hemm fuq il-grilja. Ara li twaddabha b'saħħa biżżejjed biex taqleb id-dammi l-oħra fil-grilja. Jekk ħarbulek xi dammi mill-grilja, erġa' qiegħedhom lura f'posthom, iżda ħallilhom il-valur ġdid li ħadu meta inqalbu (jekk kien hemm valur ġdid).

- Erġa' iġbor id-d20, u erġa' waddabha għall-aħħar darba.

## Tmiem il-Logħba



Għodd flimkien il-valuri tad-dammi tal-Qarmuċ biex tikseb il-punti tagħhom. Għodd flimkien il-valuri tad-dammi tas-Sultan u tas-Sekond biex tikseb il-punti tas-Sultan. Dan jiddetermina rewwixta li tirnexxi jew tfalli.

### Suċċess

Jekk il-punti tal-Qarmuċ huwa l-istess jew iżjed mill-punti tas-Sultan, ir-rewwixta tirnexxi!

### Falliment

Jekk il-punti tal-Qarmuċ huwa inqas mill-punti tas-Sultan, ir-rewwixta falliet.

Ikun x'ikun ir-riżultat, ir-rewwixta li saret żgur se tħalli konsegwenzi. Il-poplu rnexxielu jegħleb lil ta' fuqu biex jieħu r-riedni tad-destin f'idejh? Jew inqabdu r-ribelli u tefgħuhom il-ħabs, jew agħar minn hekk...

Il-ġrajja hija tiegħek biex tirrakkonta!

## Imma il-Logħba tal-Brilli X'Inhi?

Il-logħba tal-brilli hija parti mill-folklor tradizzjonali tal-gżejjer Maltin. Jingħad li l-logħba ilha tintlagħab minn qabel il-wasla tal-Kavallier ta' San Ġwann lejn Malta fl-1530. Sfortunatament, il-logħba kważi għebet għal kollox, u llum il-ġurnata tintlagħab biss fil-villaġġ tal-Għarb, Għawdex.

Il-logħba hija taħlita bejn bowling u blackjack. Hawn, l-iskop tal-logħba huwa biex tolqot u twaqqa' sett ta' 9 brilli tal-injam (li għandhom għamla ta' flixkun) b'ballun tal-injam biex tikseb il-valur ta' punti viċin tal-21.

Il-brillu tan-nofs jissejjaħ *is-Sultan*. Il-brilli tal-kantunieri jissejħu *is-Sekond*. Il-brilli li fadal huma magħrufin bħala *l-Qarmuċ*.

## Referenzi


- Brtnická, M. (2018). The Traditional Ancient Outdoor Game of "Brilli". Maltatina.com. Miġbur l-1 ta' Awwissu, 2020, minn https://www.maltatina.com/unique-game-of-ancient-skittlers-played-in-gozo/. (bl-Ingliż)

- Carbone, J. (2018). Il-logħob tat-tfal Maltin żmien ilu. Festa San Leonardu, Kirkop, 199–233.

- Falzon, G. (2019). Brilli .. the Gozitan game which is destined to die. TVM.com.mt. Miġbur l-1 ta' Awwissu, 2020, minn https://www.tvm.com.mt/en/news/brilli-the-gozitan-game-which-is-destined-to-die/. (bl-Ingliż)

- Lanfranco, G. (2000). Logħob, Taqbil u Ġugarelli tat-Tfal Maltin. Wise Owl Publications.

• Kao, P. (2014). Bocci u Brilli: A Few Notes on Throwing Balls. Omertaa: Journal of Applied Anthropology, 617–622. (bl-Ingliż)

## Stampi

L-istampi kollha li ntużaw f’dan id-dokument jinstabu fl-isfera pubblika.

**Qoxra**: *Birds-eye view of the city and port of Malta*, illustratur mhux magħruf. F’“*Ancient and Modern Malta*”, Vol. 1, ta’ Pierre-Marie-Louis de Boisgelin de Kerdu, 1804.

**Paġna 1, Is-Sultan**: *Habito Solenne del Prencipe Gran Maestro de i Cavalieri di Malta*, ta’ Isabella Piccini. F’“*Historie cronologiche dell'origine degl'ordini militari e di tutte le religioni cavalleresche infino ad hora instituite nel mondo*” ta’ Bernardo Giustiniani, 1692, pġ 264

**Paġna 2, Is-Sekond**: *Habito Capitulare e Militare de Cavalieri di Malta*, ta’ Isabella Piccini. F’“*Historie cronologiche dell'origine degl'ordini militari e di tutte le religioni cavalleresche infino ad hora instituite nel mondo*” ta’ Bernardo Giustiniani, 1692, pġ 265

**Paġna 2, Il-Qarmuċ**: *Maltese Country Man and Woman*, ta’ Andrew Baker Smith? F’“The Cruise of the Steam Yacht *North Star*” ta’ John Overton Choules, 1854, pġ 269

**Paġna 6, Tmiem il-Logħba:** *The Rising of the Maltese*, ta’ Robert Caruana Dingli. F’“Outlines Of Maltese History” ta’ Salvatore Laspina, 1945

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sekond | Il-Qarmuċ | Is-Sekond |
| Il-Qarmuċ | Is-Sultan | Il-Qarmuċ |
| Is-Sekond | Il-Qarmuċ | Is-Sekond |

Għar Gremxul

@ghargremxul https://ghargremxul.itch.io/